MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2003

Numru 1001/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR CHRIS GALEA SCANNURA**

**VS**

**NICHOLAS SCHEMBRI.**

**Illum 29 ta' Jannar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Nicholas Schembri ta’ 67 sena, iben Samuele u Antonia xebba Farrugia imwieled Hal Qormi fis-27 ta’ Awissu 1935 residenti gewwa 99, Triq San Bastjan, Qormi, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ nurmu 599035 M;

Talli ghall-habta tat-tlieta u nofs ta’ wara nofsinhar tas-7 ta’ Settembru 2002, gewwa Hal Qormi, volontarjament ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Nazzareno Schembri dan skond kif iccertifika it-tabib Adrian Vella MD, tad-Dipartiment tal- Casualty ta’ l-Isptar San Luqa;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghall-imsemmija persuna sabiex jingurjah, idejjaqha jew jaghmlilha hsara;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fil-pussess tieghu arma li taqta’ u bil-ponta;

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu sikkina ta’ kull xorta li tkun, b’xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Wara illi rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, specjalment wara illi semghet lil Nazzareno Schembri, illi b’mod ciarissimu u vigoruz nforma lil din il-Qorti li hu qieghed jirrinunzja l-azzjoni Kriminali u billi l-imputat huwa huh, u li fil-

fatt jiehu l-kura tieghu, kif ukoll illi jixtieq javvantaggja ruhu mil-ligi li tippermettih li ma jixhidx kontra huh, din il-Qorti qeghda tiddikjara dan il-procediment ezawriet u qeghda tillibera lill-imsemmi Nicholas Schembri.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------